**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Illum l-Erbgha 18 ta' Settembru, 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**Jean Paul Psaila**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Jean Paul Psaila** ta' 34 sena, iben Stephen u Marija Carmela xebba Lauri, imwieled Pieta' nhar it-28 t' Awwissu 1985, residenti Appt. 37, tac-Cawla Court Triq Guzeppi Penza, Hal-Luqa, detentur tal- karta tal-identita' numru 442085M

Akkuzat talli nhar l-1 ta' Settembru 2019, għall-ħabta ta' bejn il-21:15 hrs u 22:00 hrs., gewwa Triq Hal Luqa, Santa Lucija, Malta u Triq il-Lampuka, Hal Tarxien, Malta:

1. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' martu Elaine Psaila, ġrieħi ta' natura hfief, jew iġibilha disordni f'moħħha kif iċċertifikat Dr. Glen Micallef Med Reg: 3230 mic-Centru tas- Sahha Paola u dan bi ksur tal-Artikli 214, 215, 221 (1), 222 (1) (a) *tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap 9.*

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħebb għall-persuna ta' martu Elaine Psaila sabiex tinġurjaha, idejjaqha jew tagħmillha ħsara kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi bi ksur tal-Artikli 339 (d) tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap 9.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta` tal-imsemmija Elaine Psaila, u minn issa tapplika l-proveddimenti tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tagħmel Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa. F'każ ta' ħtija l-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta` ta' Elaine Psaila ai termini tal-Artikolu 383 et. seq. tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti hija gentilment mitluba biex tittratta mal-imputat bhala wiehed li rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi fil-Qorti ta' Malta li gew defennitivi u ma jistghux jinbidlu, kif pruvat fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta Malta

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz odjern jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kawza tieghu tigi hekk trattata u deciza.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti.

Rat li fl-ewwel seduta quddiem din il-Qorti, u cioe dik tal-lum stess, l-Ufficcjal Prosekutur irtira t-talba tieghu fic-citazzjoni sabiex l-imputat, f'kaz ta' htija, jigi trattat bhala wiehed recidiv, u dan stante li l-fedina penali tieghu hija netta, u kienet giet inserita biss b'*lapsus*.

Fl-istess seduta gie verbalizzat hekk:

*"Dr Mattia Felice ghall-parte civile Elaine Psaila jinforma lill-Qorti illi mid-data tal-akkadut is-sinjura Psaila hafret lill-imputat u r-relazzjoni ta' bejniethom tjiebet u allura in*

*vista ta' dan hija ma tixtieqx tkompli bil-proceduri odjerni u ghalhekk ma tixtieqx tixhed kontra ‚zewgha, u dan ukoll sabiex ma tinkriminax ruhha u qed tirrinunzja ghat dak toitu li huwa rinunzjabbli."*

Dan gie konfermat ukoll mill-*parte civile* Elaine Psaila meta telghet tixhed.

Fix-xhieda tieghu l-Ufficcjal Prosekutur ikkonferma li kienu se jittiehdu wkoll passi kriminali kontra l-*parte civile* fuq l-incident li kien hemm bejnha u bejn l-imputat.

Wara li l-*parte civile* tat ix-xhieda taghha fejn irrifjutat li tixhed biex ma tinkriminax ruhha, u ddikjarat li riedet li dawn il-proceduri jieqfu, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li *"in vista tal-fatt li l-parte civile qed taghzel li ma tixhedx se jaghlaq il-provi ghax, il-provi kollha tal-prosekuzzjoni huma xhieda dwar x'qalet il-parte civile, li la darba mhux se tixhed, din ix-xhieda ma tistax tigi kontrollata u tikkostitwixxi hearsay evidence."*

Ikkunsidrat:

Il-Qorti ghandha biss ix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Hubert Cini dwar dak li qallu l-imputat u dak li qaltlu *l-parte civile* dwar il-glieda li kellhom bejniethom, ic-certifikat mediku mahrug f'isem Elaine Psaila, ir-rapport tal-Pulizija u l-istqarrija tal-imputat.

Il-parte civile irrinunzjat ghall-kwerela li kienet ghamlet, u uriet ix-xewqa taghha li ma tixhidx kontra l-imputat zewgha. Inoltre, hija invokat ukoll id-dritt taghha li ma tixhidx biex ma tinkriminax ruhha, stante li se jittiehdu passi kriminali kontriha fuq l-istess incident, liema dritt mhux biss hu protett mill-Artikolu 643 tal-Kodici Kriminali, izda hu wkoll dritt fundamentali taghha, sancit taht il-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. F'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti certament ma tistax tezercita d-diskrezzjoni taghha ai termini tal-Artikolu 633 tal-Kodici Kriminali biex tordnalha tixhed.

Fin-nuqqas tax-xhieda tal-parte civile, il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat – apparti l-istqarrija tal-imputat u ic-certifikat mediku, huma biss *detto del detto* li *se mai* setghu jikkorroboraw ix-xhieda tal-parte civile, kieku din xehdet, pero li wahedhom certament mhux bizzejjed biex jindikaw htija. Dan gie ammess ukoll mill-Ufficjal Prosekutur.

Rigward ic-certifikat mediku esebit, il-Qorti tirrileva fl-ewwel lok li dan lanqas biss gie ikkonfermat bil-gurament mit-tabib li irrilaxxah, u konsegwentement lanqas hu ammissibbli. Pero fi kwalunkwe kaz, il-feriti fih deskritti certament jistghu ikunu ukoll kompatibbli mal-verzjoni tal-fatti tal-incident kif allega li gara l-imputat fl-istqarrija tieghu.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti, ssib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u qed tilliberah minnhom.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**